

Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2016/C 445/02)

Skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁾, in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ huma emendati kif ġej:

Fil-paġna 120, in-Nota ta' Spjega tas-subintestatura NM **"2707 99 11 u 2707 99 19 Żjut mhux raffinati"** hija sostitwita bit-test li ġej:

"2707 99 11 Żjut mhux raffinati**u**

2707 99 19 Dawn is-subintestaturi jkopru dawk il-prodotti biss li fihom il-piż tal-kostitwenti aromatiċi akbar minn dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi. Fost il-prodotti li jaqgħu taħt dawn is-subintestaturi huma:

1. il-prodotti miksubin mill-ewwel distillazzjoni ta' qatran tal-faħam ta' temperatura għolja. Il-qatran tal-faħam ta' temperatura għolja huwa ġeneralment magħmul fl-impjanti għall-kokk f'funderiji b'temperatura li taqbeż id-900 °C. Il-prodotti mid-distillazzjoni ta' dan il-qatran ma fihomx biss idrokarburi bi predominanza mill-piż tal-idrokarburi aromatiċi iżda wkoll komposti ta' nitroġenu, ossiġnu u kubrit u spiss ħafna anke impuritajiet. Dawn il-prodotti s-soltu jeħtieġu aktar proċessar qabel l-użu;
2. il-prodotti miksubin bit-tneħħija tal-benzol wara l-ħasil tal-gass prodott matul l-ikkokkjar tal-faħam. u
3. il-prodotti miksubin minn piroliżi tal-iskart tat-tajers jew minn skart ieħor tal-lasktu u tal-plastik mingħajr aktar ipproċessar.

Prodotti, li fihom il-piż tal-kostitwenti aromatiċi jaqbeż dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi, mhu-miex koperti minn dawn is-subintestaturi jekk huma residwi minn distillazzjoni atmosferika jew f'vakwu ta' żejt grezz jew żjut tal-karburant tal-baħar. Dawn il-prodotti jaqgħu taħt is-subintestatura 2707 99 99.

"Prodotti simili" tal-intestatura 2707 tfisser dawk li fihom kompożizzjoni simili għal dik tal-prodotti deskritti f'oġġett 1 hawn fuq.

Madanakollu, dawn jista' jkollhom proporzjon ikbar ta' idrokarburi alifatiċi u nafteniċi u ta' prodotti fenoliċi kif ukoll proporzjon iżgħar ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi mill-prodotti deskritti f'oġġett 1 hawn fuq."

Fil-paġna 122, fin-Nota ta' Spjega tas-subintestatura NM **"2707 99 91 u 2707 99 99 Oħrajn"** wara t-test eżistenti jiddied il-punt 4 li ġej:

"4. fdal mid-distillazzjoni (kemm atmosferika kif ukoll bil-vakwu) ta' żejt grezz u żjut tal-karburant tal-baħar, li fih il-kostitwenti aromatiċi jippredominaw bil-piż fuq il-kostitwenti mhux aromatiċi, (determinati bil-metodu deskritt fl-Anness A ta' dan il-Kapitolu) li jikkonformaw ma' dawn il-karatteristiċi fiżikokimiċi li ġejjin:

- (a) bil-metodu EN ISO 3405 (ekwivalenti għall-metodu ASTM D 86), inqas minn 65 % bil-volum (inkluż it-telf) jiddistilla f'250 °C;
- (b) il-punt ta' tmiem tad-distillazzjoni li huwa oġhla minn 315 °C.

Id-densità ta' dawn ir-residwi tista' tkun ġeneralment inqas minn 1 g/cm³ fi 15 °C bil-metodu EN ISO 12185.

Dawn ir-residwi jistgħu jkunu maħsuba biex jgħaddu minn proċess speċifiku."

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

⁽²⁾ ĠU C 76, 4.3.2015, p. 1.